Nru./No. 21,654
Prezz/Price
€130.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2026
Friday, 29th May, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Gvern ..... 9229 - 12,120
Notices ..... *9229 - 12,120*

Avviżi tal-Qorti 12,120
Court Notices *12,120*

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 48 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354) qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala skeda li tinsab ma' dan l-avviż, lista li turi n-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li ġew stampati, in-numru mqassam skont is-subartikolu (1) tal-artikolu 46, in-numru tal-karta tal-identità, l-isem u l-indirizz tal-persuni li talbu l-kunsinna tad-dokumenti skont is-subartikolu (6) tal-artikolu 46, in-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni maħruġin skont l-artikolu 47 u n-numru tal-karta tal-identità, l-isem u l-indirizz tal-persuni li lilhom dawk id-dokumenti ġew kunsinnati, in-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li nżammu milli jingħataw u r-raġunijiet għal dan u n-numru tal-karta tal-identità, l-isem u l-indirizz tal-eletturi konċernati, u n-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li baqgħu ma nġabrux u n-numru tal-karta tal-identità, l-isem u l-indirizz tal-eletturi konċernati.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Id-29 ta' Mejju, 2026

SKEDA

Numru ta' Dokumenti għall-Votazzjoni Stampati

Ordinarji	356,832
Speċjali	193

Numru ta' Dokumenti għall-Votazzjoni mqassma mill-Pulizija sal-15 ta' Mejju, 2026

289,157

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

Notice

In pursuance of the provisions of subarticle (1) of article 48 of the General Elections Act (Cap. 354) there is hereby published as a schedule to this notice a list indicating the number of voting documents printed, the number distributed in terms of subarticle (1) of article 46, the identity card number, name and address of the persons who to date have claimed delivery thereof in terms of subarticle (6) of article 46, the number of voting documents issued in terms of article 47 and the identity card number, name and address of the persons to whom such documents have been delivered, the number and reasons for voting documents withheld and the identity card number, name and address of the voters concerned, and the number of voting documents which remained uncollected and the identity card number, name and address of the voters concerned.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

29th May, 2026

SCHEDULE

Number of Voting Documents Printed

Ordinary	356,832
Special	193

Number of Voting Documents Delivered by Police Officers up to the 15th May, 2026

289,157

IN LINE WITH OUR PRIVATE POLICY THE LIST MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAIN PERSONAL INFORMATION ARE NOT BEING DISPLAYED ONLINE

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

List indicating the number of voting documents printed, the number distributed, the identity card number, name and address of the persons who to date have claimed delivery thereof, the number of voting documents issued and the identity card number, name and address of the persons to whom such documents have been delivered and the polling booth where such persons are to cast their vote, the number and reasons for voting documents withheld and the identity card number, name and address of the voters concerned, and the number of voting documents which remained uncollected and the identity card number, name and address of the voters concerned

Riferenzi għad-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma tqassmux

A Rapportati mejta
B Ma nstabux fl-indirizz
C Rifjutat għax il-votant imsiefer
D Rifjutat għax id-Dokument għandu ritratt ta' ħaddieħor
E Rifjutat mill-votant stess
F Raġunijiet oħra

Id-29 ta' Mejju, 2026

References to undelivered Voting Documents

A Reported as deceased
B Not found at the address
C Refused because voter is abroad
D Refused because the Document has another person's image
E Refused by the voter himself
F Other reasons

29th May, 2026

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1430

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Mejju, 2026, wara Mandat ta' Qbid numru 1977/25 ta' Joseph Degiovanni (KI 199868M) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 8 ta' Lulju, 2026, fil-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'numru 447, fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Jordan Peshevski (KI 127928A) u Pavla Stejskalova (KI 148365A).

Żewġ (2) sufani two seater u sitt (6) banketti; sufan, żewġ (2) pultruni u siġġu ta' lewn aħmar;

Tliet (3) LCD televixin tal-marka Philips, Samsung u LG; LCD tal-marka Atron, LCD tal-marka Seiki u LCD ieħor, amplifier, projector u rolling screen u speakers tal-marka BAS;

Magna tal-kafè tal-marka (G), magna tal-kafè tal-marka Delonghi u miħna tal-kafè tal-marka Pavone,

Erbgħa (4) wine chillers,

Dishwasher tal-marka omiwashing, żewġ fridge display tal-marka COF u microwave tal-marka Gala;

Diversi inkawtri, ornamenti tad-dar u linef;

Diversi ornament tal-kċina tar-ram;

Diversi bankijiet u mwejjed b'qisien varji, tavolina u mera,

Diversi fliexken tal-inbid u tax-xorb alkoħoliku,

Diversi platti u borom; u

Diversi oġġetti oħra elenkati fil-lista tal-Marixxall tal-Qorti.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-Subbasta numru 4/26.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 28 ta' Mejju, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 22nd May, 2026, following the Warrant of Seizure number 1977/25 of Joseph Degiovanni (ID 199868M), Wednesday, 8th July, 2026, at ten in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held at number 447, in Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, of the following items seized from the property of Jordan Peshevski (ID127928A) and Pavla Stejskalova (ID 148365A).

Two (2) two seater sofas and six (6) stools; sofa, two (2) armchairs and a chair red in colour;

Three (3) LCD television of the make Philips, Samsung and LG; LCD of the make Atron, LCD of the make Seiki and another LCD, amplifier, projector and rolling screen and speakers of the make BAS;

Coffee machine of the make (G), coffee machine of the make Delonghi and coffee grinder of the make Pavone,

Four (4) wine chillers,

Dishwasher of the make omiwashing, two (2) dridge display of the make COF and microwave of the make Gala;

Various picture frames, house ornaments and chandeliers;

Various copper kitchen ornaments;

Various benches and tables of different sizes, small table and mirror;

Various bottles of wine and alcohol;

Various plates and pots; and

Other various items as listed in the list of the Court Marshal;

N.B. The said items will be sold as described in the acts of Judicial Sale file number 4/26.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 28th May, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603